MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 322/2012

Rita **Grech**

**ID No.:665562-(M)**

**vs**

**EBN Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija sitta, disghin ewro u ghaxar centezmi (€896.10c), u ddikjarat illi dahlet fi ftehim mas-socjeta' EBN Limited sabiex din is-socjeta' tohloq website ghall-attrici, u sabiex tipprintjala xi business cards; illi l-attrici halset deposit ta' hames mija u tmenin ewro (€580) fil-25 ta' Frar, 2011 ghal website u mija u wiehed u sebghin ewro u ghaxar centezmi (€171.10c) ghal printing tal-business cards. L-ammont ta' mija u wiehed u sebghin ewro u ghaxar centezmi (€171.10c) thallsu fl-1 ta' April, 2011; Illi l-attrici halset ukoll is-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin ewro (€225) fl-1 ta' April, 2011 bhala akkont ghal software relatat mal-website; Illi rrizulta illi l-website qatt ma giet *delivered* mis-socjeta' konvenuta, u l-business cards kellhom jerghhu jigu pprintjati peress illi l-prodott ahhari ma kienx dak miftiehem. Illi l-attrici interpellat lis-socjeta' konvenuta ghal hlas lura izda s-socjeta' konvenuta tefet il-kolpa fuq l-attrici. Ghaldaqstant kellhom jinfethu dawn il-proceduri.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li permezz taghha eccepiet illi, fl-ewwel lok, it-talbiet tal-attrici huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi muri tul il-kors tal-kawza;

Illi, fit-tieni lok, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, l-attrici ingaggat lis-socjeta' konvenuta sabiex taghmilha certu xogholijiet u tippresta certu servizzi, liema xoghol u servizzi tlestew u inghataw lilha u hi accettathom, kif ser jigi muri tul il-kors tal-kawza; Illi, fit-tielet lok, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, l-attrici hallset is-somom indikati fit-talba taghha – mhux ezattament bil-modalita' u ghar-ragunijiet li specifikat hi – izda fadal bilanc ta' mitejn u sitta u tletin ewro u sebghin centezmu (€236.70c) liema ammont huwa dovut u jifforma parti integrali minn kontro-talba li giet epprezentata kontestwalment flimkien ma' din ir-risposta; Illi, fir-raba' lok, minghajr pregudizzju u subordinatament ghas-suespost, ix-xoghol kollu li ordnat l-attrici Rita Grech tlesta ghas-sodisfazzjon totali taghha; Illi, fil-hames lok, Rita Grech kemm-il darba interpellata sia bil-fomm kif ukoll bil-miktub sabiex tiehu *delivery* tal-website taghha billi tikkonferma ix-xoghol u thallas il-bilanc rimanenti, dan baqghet qatt ma ghamlitu kif ser jigi muri fil-kors tal-kawza; Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu hawn suespost u tal-provi kollha li ser jigu prodotti tul il-kors tal-kawza u l-kontenut tal-kontro talba *ivi* annessa flimkien ma' din ir-risposta, it-talbiet tal-attrici Rita Grech prodotti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta EBN Limited, ghandhom jigu michuda kollha fl-interezza taghhom, bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza u l-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar transazzjoni 'l quddiem.

Ra l-kontrotalba li giet proposta mis-socjeta' konvenuta rikonvenjenti, li permezz taghha ddikjarat illi, Rita Grech ordnat xoghol u servizzi li gew prestati mis-socjeta' EBN Limited fl-interezza kollha taghhom u ma hallsitx il-bilanc kollu dovut kif miftiehem maghha; Illi minghajr pregudizzju u subordinatament, jekk Rita Grech iddecidiet fi stadju tardiv immens li ma riditx il-website taghha ma tistax b'daqshekk tippretendi li tehles mill-obbligi taghha, specjalment meta din tlestiet u x-xoghol kollu kien sar. Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu premess u l-provi kollha li ser jigu prodotti tul il-kors tal-kawza, Rita Grech ghandha tigi kkundannata thallas il-bilanc rimanenti ta' mitejn, sitta u tletin ewro u sebghin centezmu (€236.70c), bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza u l-imghax legali effettiv mid-data tal-ahhar transazzjoni 'l quddiem.

Ra r-risposta tal-attrici rikonvenuta ghall-kontrotalba tal-konvenuta rikonvenjenti, li permezz taghha eccepiet illi l-pretensjonijiet mressqa mis-socjeta' rikonvenjenti huma ghal kollox infondati stante illi kienet is-socjeta' rikonvenjenti stess illi naqset illi tikkonsenja l-website fiz-zmien miftiehem bejn il-partijiet. Illi ghaldaqstant ebda hlasijiet ma huma dovuti mill-intimata.

Ha konjizzjoni tax-xhieda tal-partijiet kontendenti, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2013, fejn it-Tribunal gie mitlub sabiex jghaddi ghas-sentenza fuq il-provi li jinsabu in atti.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici ddikjarat illi hi avvicinat lir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta bil-ghan illi tigi kkreata website li l-attrici kienet tehtieg sabiex tutilizzaha in konnessjoni max-xoghol taghha, in kwantu kienet ser tibda taghmel xoghol ta' *freelance property negotiator*. Illi hi kienet ottjeniet stima ghal tali xoghol minghand *web-designer* iehor, izda tali stima kienet oghla minn dik tas-socjeta' konvenuta, u fuq rakkomandazzjoni ta' habiba taghha, hi inkarigat is-servizzi tas-socjeta' konvenuta. Illi dan kien fi Frar, 2011, u jidher illi kien hemm intendiment bejn il-partijiet illi l-attrici kellha tircievi l-konsenja ta' tali website minghand is-socjeta' konvenuta ghall-habta ta' Gunju, 2011, in kwantu din kellha tkun operattiva sa dak iz-zmien. Illi l-attrici wettqet hlas ta' deposit fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500), u dan akkont tal-prezz finali ta' disa' mija wiehed u sittin ewro u sebghin centezmu (€961.70c). Illi sussegwentement, u cioe' f'April, 2011, l-attrici wettqet hlas iehor lis-socjeta' konvenuta fuq rikjesta tal-istess socjeta' konvenuta, ukoll akkont tal-prezz, din id-darba fl-ammont ta' mitejn hamsa u ghoxrin ewro (€225), u dan bhala hlas ghal xi software. Illi oltre dan, u f'dan l-istess zmien, l-attrici ordnat xi *business cards* tramite tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, li ghalkemm ma kienx jipprovdi servizz ta' stampar ta' tali *business cards*, madanakollu, offrilha illi jiehu hsieb jinkariga persuna hu. Illi ghalhekk l-attrici ordnat elf (1,000) biljett, u hallset is-somma ta' mija wiehed u sebghin ewro (€171), u dan bhala l-prezz finali ghal dawn il-biljetti. Illi l-attrici talbet lir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta sabiex jaccerta illi dawn il-biljetti jigu kkonsenjati lilha sat-22 ta' April, 2011. Illi minkejja f'dan, il-biljetti gew ikkonsenjati lill-attrici wara din id-data, u l-attrici ma kienitx sodisfatta bil-kwalita' tal-istampar ta' dawn il-biljetti, u gharrfet lir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta dwar dan, li accertaha illi kienu ser jigu stampati mill-gdid.

Illi l-attrici bdiet tghamel tentattivi sabiex tikkomunika mar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta sabiex titlob informazzjoni minghandu dwar f'liema stadju kien wasal il-process

ta' thejjija tal-website, izda dan minghajr success; illi oltre dan, meta hi dahlet fid-domain taghha, u cioe' "*mypropertymalta*", bil-password li kien taha r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, sabet informazzjoni dwar proprjeta' ta' haddiehor li kienet qed tigi reklamata fuq il-*website* taghha. Illi ghalhekk f'Ottubru, 2011 hi bghatet tinforma lir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta illi xtaqet tittermina l-kuntratt li kellha maghhom, u sabiex dan irodd il-flus lura, izda r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta ma accettax.

Illi l-attrici kkonfermat illi kien ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta illi hareg bl-ideat dwar kif kellha tigi mfassla l-website u d-deherha taghha, u l-istess f'dak li jirrigwarda d-design tal-logo li kienet ser tintuza fuq il-*business cards*. Illi hi kienet taghti struzzjonijiet u tikkonferma l-ghazliet taghha mas-socjeta' konvenuta kemm permezz ta' e-mails u anke bil-fomm, u anke nghatat struzzjonijiet minghand ir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta dwar kif tghamel *entries* ta' data fuq din il-website, u kienet anke bdiet twettaq tali *entries*. Illi l-istess attrici kkonfermat illi hi rceviet il-*business cards,* id-*domain* ghaliex anke bdiet tghamel dawn l-istess *entries* ta' informazzjoni, izda dwar il-website, ssostni illi ma giex ikkonsenjat lilha l-prodott finali, ghaliex kienet qed tirrizulta informazzjoni fuq tali website illi ma kienitx ghamlet l-*entries* taghhom l-istess attrici.

Illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta xehed illi s-socjeta' konvenuta kienet giet nkarigata mill-attrici sabiex tigi kreata website li l-attrici kienet ser tuza sabiex tirreklama proprjeta' ghal bejgh, oltre li kienet tehtieg ukoll xoghol ta' design ta' logo li kienet ser tuza, fost affarijiet ohra hekk konnessi. Illi s-servizzi li s-socjeta' konvenuta giet inkarigata li twettaq fuq inkarigu tal-attrici huma dawk rizultanti mill-fattura li kopja taghha tinsab a fol.17 tal-atti. Illi dwar l-ewwel zewg *items*, u cioe' l-akkwist tad-domain u l-hosting package, dawn gew akkwistati mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta dakinhar stess li l-partijiet lahqu ftehim u l-attrici nkarigat is-servizzi tas-socjeta' konvenuta. Illi s-socjeta' konvenuta wettqet hlas ghal dawn iz-zewg servizzi. Illi dwar id-design tal-website, dan sar minn impjegat tas-socjeta' konvenuta, u kien isir b'konsultazzjoni mal-istess attrici, li kienet taghti l-approvazzjoni taghha ghal varji aspetti tat-thejjija ta' din il-website. Illi f'dak li jirrigwarda l-ahhar *item* fuq din il-fattura, u cioe' l-REM, l-attrici giet ikkonsenjata dan il-programm, sabiex setghet tibda tghamel l-*entries* ta' informazzjoni fuq il-website taghha. Illi l-attrici nghatat zewg REM's, li wahda minnhom kienet *dummy*, intiza biss ghall-uzu tal-attrici sabiex tiffamiljarizza ruhha mal-process li permezz tieghu tigi insertita informazzjoni

fuq il-website taghha. Illi l-attrici anke nghatat *manual* sabiex tkun tista’ tuza dawn il-programmi b’aktar facilita’.

Illi skond ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta, l-ewwel stadju ta’ thejjija tal-*web design* kien lest f’Marzu, 2011, u l-attrici kienet ikkonfermatilhom illi xtaqet illi jipprocedu bil-kompletar ta’ dan il-progett. Illi madanakollu, imbaghad l-attrici talbet illi l-process ta’ thejjija tal-website jigi pospost ghal wara Gunju, 2011. Illi fil-perjodu bejn Gunju, 2011 sa Settembru, 2011 is-socjeta’ konvenuta baqghet ghaddejja bil-process ta’ thejjija ta’ dan il-website, izda eventwalment l-attrici kkomunikat mar-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta u nfurmatu illi ma kienitx kuntenta bil-livell ta’ servizz li kienet toffri s-socjeta’ konvenuta, u ghalhekk talbet refuzjoni tal-hlas li kienet wettqet. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta informa lill-attrici illi dan ma kienx possibbli, ghaliex parti mill-hlas li kien gie mwettaq mill-attrici kien ikopri xi *disbursements* li s-socjeta’ konvenuta ghamlet ghan-nom tal-attrici ghall-akkwist tad-domain u l-hosting tal-istess, kif ukoll ghall-REM programm u anke l-istampar tal-*business cards*. Filwaqt illi l-bilanc kien ikopri l-ispejjez ghad-design tal-website. Illi r-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta cahad illi hu offra lill-attrici illi l-*business cards* setghu jigu stampati mill-gdid minghajr ma jigi mwettaq ebda hlas ghalihom. Illi jidher illi l-attrici ma kienitx kuntenta bil-kwalita’ ta’ karta li ntuzat sabiex gew stampati l-*business cards*. Illi dwar il-website, ir-rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta kkonferma illi din baqghet ma kienitx funzjonanti, ghaliex l-attrici naqset milli tavvicina lis-socjeta’ konvenuta sabiex tinghata l-konsenja tal-prodott finali. Illi f’dan ir-rigward, il-web design kien gie konfermat mill-attrici, izda ma giex konkluz mis-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidra,

Illi din l-azzjoni tittratta dwar talba tal-attrici ghal refuzjoni ta’ flus li hi hallset lis-socjeta’ konvenuta ghat-thejjija ta’ website, li effettivament ma gietx ikkonsenjata lilha, kif ukoll ghall-istampar ta’ *business cards*, li ghalkemm gew ikkonsenjati lill-attrici, din ma kienitx kuntenta bihom. Illi l-istess attrici qed titlob refuzjoni tal-flus li zborsat, u dan permezz ta’ tliet (3) pagamenti, u cioe’ l-ammonti ta’ hames mitt ewro (€500), mitejn hamsa u ghoxrin ewro (€225), u mija u wiehed u sebghin ewro u ghaxar centezmi (€171.10c), li kumulattivament jammontaw ghal tmien mija sitta u disghin ewro u ghaxar centezmi (€ 896.10c).

Illi s-socjeta' konvenuta, da parti taghha, oltre li kkontestat din l-azzjoni, ipproponiet kontrotalba li permezz taghha qed titlob il-hlas tal-bilanc dovut lilha ai termini tal-fattura li kopja taghha tinsab a fol. 17 tal-atti, u dan fl-ammont ta' mitejn sitta u tletin ewro u sebghin centezmu (€236.70c).

Illi l-ftehim ta' appalt bejn il-partijiet jidher illi kien wiehed verbali, ghaliex ebda wiehed mill-partijiet ma pprezenta ebda ftehim bil-miktub;  madanakollu, mhux qed jigi kkontestat minn ebda wiehed mill-partijiet l-ammonti li thallsu mill-attrici lis-socjeta' konvenuta, u l-bilanc li ghadu dovut mill-attrici lis-socjeta' konvenuta.  Izda l-attrici tikkontendi illi l-bilanc li l-hlas tieghu ghadu pendenti m'huwiex dovut minnha ghaliex is-socjeta' konvenuta naqset milli tikkonsenja l-prodott finali miftiehem, anzi qedha anke titlob refuzjoni tal-ammont li hallset lis-socjeta' konvenuta in linea ta' depozitu, ghaliex l-istess socjeta' konvenuta naqset milli tottempera ruhha mat-termini tal-ftehim, u dan in kwantu naqset milli tikkonsenja l-website li giet inkarigata li twettaq id-design u t-thejjija taghha, oltre illi naqset milli twettaq tali xoghol entro z-zmien miftiehem.  Illi da parti taghha, is-socjeta' konvenuta – tramite tar-rapprezentant taghha – tikkontendi illi hi wettqet ix-xoghol ta' disinn u zvilupp ta' website li giet mitluba mill-attrici li tghamel, izda li kienet l-attrici stess li ma avvicinathomx fl-istadji finali tal-process sabiex tinghata l-konsenja ta' tali website, u li anzi fi stadju avanzat tal-process, l-istess attrici gharrfet lis-socjeta' kovenuta li riedet li jigi terminat il-ftehim ta' appalt.  Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta tikkontendi illi l-bilanc spettanti lilha – ai termini tal-fattura li l-kopja taghha tinsab a fol.17 tal-atti – huwa effettivament dovut mill-attrici, stante illi ma kienitx gustifikata li tittermina l-ftehim ta' bejniethom fi stadju daqstant avanzat ta' twettiq tax-xoghol, oltre l-fatt illi x-xoghol ta' disinn u thejjija tal-website kien gie kompletat kwazi fl-intier tieghu mis-socjeta' konvenuta, u ghalhekk kien dovut lilha l-hlas tal-bilanc tal-prezz miftiehem.

Illi fin-nuqqas ta' skrittura ndikanti t-termini u kundizzjonijiet li gew miftiehma bejn il-partijiet dwar is-servizzi li kellhom jigu pprestati mis-socjeta' konvenuta, huwa difficli ferm ghal dan it-Tribunal li jikkonkludi min mill-partijiet kontendenti naqas fit-twettiq tal-obbligi tieghu;  madanakollu, mid-deposizzjoni li nghatat miz-zewg partijiet irrizulta illi effettivament giet akkwistata d-domain li l-attrici talbet li tigi rregistrata bl-isem "*mypropertymalta*", tant illi l-attrici kkonfermat illi hi accediet ghall-istess, oltre l-fatt illi rrizulta wkoll illi sar disinn u thejjija tal-website, tant illi l-ilment tal-attrici f'din il-kawza kien il-fatt illi meta accediet ghal tali website, sabet informazzjoni fittizzja, u li ma gietx

inserita minnha u li ma kienitx tappartjeni lilha, li wassalha ghal konkluzjoni illi x-xoghol li kien sar mis-socjeta' konvenuta ma kienx sar sew, u ghalhekk ma rieditx li tiehu l-konsenja tieghu. Illi f'dak li jirrigwarda l-*business cards,* l-attrici ddikjarat illi ma kienitx kuntenta bil-prodott li gie kkonsenjat lilha mis-socjeta' konvenuta, in kwantu ma kienitx sodisfatta bil-kwalita' tal-istampar tal-istess *business cards*.

Illi da parti taghha, s-socjeta' konvenuta – tramite tar-rapprezentant taghha – kkonfermat illi ghalkemm sar ix-xoghol kollu rikjest minnha ta' thejjija u disinn tal-website, l-attrici ma nghatatx il-konsenja tal-prodott, ossia l-website finali, ghaliex l-attrici tterminat hesrem il-ftehim ta' appalt, u baqghet ma marritx ghand is-socjeta' konvenuta sabiex ikunu jistghu jiffinalizzaw il-progett. Illi mhux daqstant car, mid-depozizzjoni li nghatat mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, x'kien jonqos sabiex dan il-process ta' thejjija tal-website jigi finalizzat; madanakollu, *ex admissis,* ir-rapprezentant taghha ddikjara illi tali prodott finali baqa' ma giex ikkonsenjat lill-attrici.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet jidher illi minhabba li kien hemm trapass ta' zmien bejn meta l-attrici ppetendiet illi tinghata l-konsenja u amministrazzjoni tal-website – li skond l-attrici kien ghall-habta ta' Gunju, 2011 – sakemm is-socjeta' konvenuta kkonkludiet ix-xoghol li giet inkarigata li tghamel – li jidher li kien ghall-habta ta' Settembru, 2011 – wassal sabiex l-attrici ma baqghetx aktar interessata fil-konsenja tal-prodott, ossia l-website, li kienet talbet lis-socjeta' konvenuta li taghmel id-disinn u thejjija tieghu, u per konsegwenza ta' dan ir-ripensament, gharrfet lis-socjeta' konvenuta li kienet qed tittermina tali ftehim. Illi t-Tribunal jinnota illi anke tali terminazzjoni kien b'mod verbali. Illi mill-atti li gewipprezentati mill-partijiet jidher illi minkejja l-fatt illi l-website ma giex ikkonsenjat lill-attrici, gie mwettaq fi kwalunkwe kaz hafna xoghol ta' thejjija u disinn tal-istess website mis-socjeta' konvenuta. Illi fid-dawl ta' dan il-fatt it-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa dovut lill-istess socjeta' konvenuta hlas ghax-xoghol ta' disinn u zvilupp tal-website li sar minnha. Illi dan oltre l-fatt illi ma giex kontestat mill-attrici illi s-socjeta' konvenuta zborsat xi flus sabiex tigi rregistrata d-domain u ghall-hosting tal-istess domain. Illi fid-dawl ta' tali kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-hlas li gie mwettaq mill-attrici lis-socjeta' konvenuta ghandu jkopri dawn l-ispejjez u xoghol imwettaq mis-socjeta' konvenuta. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta' konvenuta m'ghandhix tigi ordnata li tirrifondi l-ammonti li gew imhallsa mill-attrici in rigward; madanakollu, u f'dak li jirrigwarda l-bilanc li s-socjeta' konvenuta rikonvenjenti qed tippretendi hlas tieghu

minghand l-attrici rikonvenuta, it-Tribunal huwa tal-fehma illi lanqas dan l-ammont ma ghandu jithallas, stante illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta kkonferma illi l-process ta' thejjija tal-website, u l-konsenja tal-istess lill-attrici, baqa' ma giex imwettaq. Illi ghalhekk ebda parti m'ghandha thallas lill-parti l-ohra ebda ammont in rigward.

Illi f'dak li jirrigwarda l-*business cards*, li l-attrici qed titlob refuzjoni tal-prezz imhallas minnha lis-socjeta' konvenuta, it-Tribunal huwa tal-fehma illi tali talba ma rrizultatx sodisfacentement ippruvata, in kwantu l-attrici ma pprovatx a sodisfazzjon tat-Tribunal illi rrizulta xi nuqqas da parti tas-socjeta' konvenuta f'dak li jirrigwarda d-disinn, thejijja u konsenja ta' dawn il-*business cards*. Illi ma ngabet ebda prova mill-attrici li s-socjeta' konvenuta naqset milli tikkonsenja prodott kif miftiehem, u ghalhekk ma tistax tqies l-ilment taghha – illi l-kwalita' tal-istampar ta' dawn il-biljetti ma kienx sodisfacenti ghall-attrici – bhala wiehed gustifikat. Illi dan oltre l-fatt illi jidher illi tali biljetti baqghu fil-pussess, u ghad-disposizzjoni u uzu tal-istess attrici, li ghalhekk ma tistax tippretendi refuzjoni tal-prezz ta' oggett/i li baqghu fil-pussess taghha.

Illi ghalhekk, u ghar-ragunijiet hawn fuq mghotija, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad kemm it-talba tal-attrici, u anke dik tas-socjeta' konvenuta rikonvenjenti.

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jilqa' l-eccezjonijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta, qed jichad it-talba tal-attrici, u filwaqt illi jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-attrici rikonvenuta ghat-talba rikonvenjenti tas-socjeta' konvenuta, qed jichad il-kontrotalba tal-istess socjeta' konvenuta rikonvenjenti.

L-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------